A.L. 27 ta' l-1999

## ATT DWAR L-ENEMALTA
## (KAP. 272)

## Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw ir-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Kurrent Elettriku

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 39 ta' l-Att dwar l-Enemalta, l-Enemalta, bl-approvazzjoni tal-Ministru għas-Servizzi Ekonomiċi, għamlet ir-regolamenti li gejjin: -

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw ir-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Kurrent Elettriku u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1939 fuq il-Provvista tal-Kurrent Elettriku, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti principali". G.N. 223 ta' l-1940.

(2) Dawn ir-regolamenti minbarra għal regolamenti 3, 4 u 5 għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ minnufih wara l-ewwel qari tal-*meter* ta' l-elettriku relattiv li jkun sar wara l-5 ta' Novembru, 1997 u regolamenti 3, 4 u 5 li għandhom jidħlu fis-seħħ b'effett mid-data li fiha jiġu ppublikati dawn ir-regolamenti.

Ħassar A.L. 195 ta' l-1997 u A.L. 212 ta' l-1998.

**2.** Ir-Regolamenti ta' l-1997 li jemendaw ir-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Kurrent Elettriku (A.L. 195 ta' l-1997) u r-Regolamenti ta' l-1998 li jemendaw ir-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Kurrent Elettriku (A.L. 212 ta' l-1998) huma b'dan imħassra u għandhom jitqiesu li qatt ma kellhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-regolamenti prinċipali u r-regolamenti prinċipali għandhom jitqiesu li qatt ma ġew emendati b'dawk ir-Regolamenti u kull referenza li ssir f'dawn ir-Regolamenti għar-regolamenti prinċipali għandha titqies bħala referenza għar-regolamenti prinċipali kif kienu fis-seħħ qabel ma ġew fis-seħħ ir-Regolamenti fuq il-Provvista' tal-Kurrent Elettriku (A.L. 195 ta' l-1997).

Tissostitwixxi t-Taqsima VIIIA tar-regolamenti prinċipali.

**3.** Minflok it-Taqsima VIIIA tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"VIII A ESTENZJONI TA' SERVIZZI, PROVVISTI LIL GRUPPI TA' KONSUMATURI U SERVIZZI 'BULK' LI JINGĦATAW MINN SISTEMA EŻISTENTI TA' VULTAĠĠ BAXX.

11.1 ESTENZJONI TA' SERVIZZI

(a) Is-servizzi ta' l-elettriku għandhom jitwasslu mill-Enemalta.

(b) Servizzi jikkonsistu f'dawk *single phase* li ma jeċċedux il-kapaċita' ta' 40 Amps, u dawk 3 *phase* li ma jeċċedux il-kapaċita' ta' 60 Amps għal kull *phase*.

(ċ) Ma' kull applikazzjoni għas-servizz ta' l-elettriku sa 40 Amps *single phase supply* għandu jsir ħlas ta' Lm70 waqt li għall-provvista' *3 phase supply* sa 60 Amps għandu jsir ħlas ta' Lm210 u dan sakemm li s-servizz rikjest (*metering point* fil-post li għalih tkun saret l-applikazzjoni) ma jkunx iżjed minn 150 metru bogħod mill-eqreb sors adekwat ta' provvista' ta' vultaġġ baxx.

(d) Meta d-distanza tkun ta' iżjed minn 150 metru mis-sors adekwat l-applikant ikollu jħallas l-ispiża kollha għall-estenzjoni mill-liema spiża jitnaqqsu l-ħlasijiet elenkati f'paragrafu 11.1(ċ). Il-ħlas minimu jkun ta' Lm100 għal servizz *single phase* u Lm300 għal servizzi 3 *phase*. Estenzjonijiet ta' iżjed minn 150 metru isiru biss b'materjal *standard* u sakemm ir-regolazzjoni tal-vultaġġ tkun tista' tinżamm sa 6% mill-valur nominali.

11.2 ESTENZJONI TA' SERVIZZI GĦAL GRUPP TA' KONSUMATURI ĠO ŻVILUPP WIEĦED

(a) Grupp ta' konsumaturi ġo żvilupp wieħed jista' jikkonsisti minn postijiet domestiċi jew industrijali jew kummerċ jali jew taħlita ta' postijiet domestiċi jew industrijali jew kummerċ jali li l-ebda waħda minnhom ma tkun tirrikjedi provvista' ta' iżjed minn 60 Amps għal kull *phase*.

(b) Il-provvista ta' l-elettriku tiġi estiża mis-sistema ta' distribuzzjoni ta' vultaġġ baxx li l-iżvilupp ta' grupp ta' konsumaturi fejn tiġi sodisfatta waħda miż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(b1) Għal żvilupp ta' grupp ta' konsumaturi fi skema ta' żvilupp ta' bini li jikkonsisti minn 22 *unit* jew inqas u jkun ta' distanza inqas minn 150 metru 'l bogħod mill-eqreb sors adekwat ta' vultaġġ baxx. Fejn ir-*route length* ikun iżjed minn 150 metru l-ispejjeż stipulati f'regolament 11.1(d) jiġu applikati. (*Unit* waħda tikkonsisti f'servizz 40 Amps *single phase* u servizz *3 phase* 60 Amps huwa kkonsidrat bħala 4.5

*units*). Għall-iskopijiet ta' dan il-paragrafu postijiet industrijali /kummerċjali ser jiġu kkunsidrati bħala 4.5 units anke meta l-applikazzjoni tkun għal servizz 40 Amps.

(b2) L-iżvilupp jissodisfa l-kundizzjonijiet (i) sa (v) kollha li ġejjin:

(i) L-għadd ta' *units* ma jkunx iżjed minn 50.

(ii) Ir-*route length* ma tkunx iżjed minn 300 metru minn *substation* jew *transformer center* eżistenti.

(iii) Il-prodott tal-għadd ta' units u *route length* f'metri ma jkunx iżjed minn 6,600 *unit meters*.

(iv) Il-*peak load* tas-*substation* li tkun qed tintuża fiż-żmien ta' l-applikazzjoni u l-*load* addizzjonali stmati fuq 4 Amps għal kull *unit* ma jeċċedux 90% tat-*transformer rating*, meta t-*transformer* ma jkunx jista' jiġi mkabbar.

(v) L-iżvilupp ikun fi skema ta' żvilupp ta' bini.

(ċ) Meta waħda mill-kriterji ta' regolament 11.2(b) tkun sodisfatta l-ħlas għall-konnessjoni koperti minn regolament 11.1 (ċ) u/jew 11.1(d) ikunu applikabbli għal kull post rispettiv ġewwa l-iżvilupp.

(d) Postijiet industrijali/kummerċjali li jkunu jiffurmaw parti minn żvilupp għal grupp ta' konsumaturi jkun ikkunsidrati bħala *bulk supply*, kif provdut f'regolament 11.3, jekk jirrikjedu iżjed minn 60 Amp 3 *phase*.

(e) F'każi fejn il-kundizzjonijiet tar-regolamenti 11.2(b1) jew 11.2(b2) ma jkunux sodisfatti ser ikun hemm il-ħtieġa ta' *substation* ġdida, skond kif provdut fir-regolament VIIIB 12(c1), sabiex tiġi provduta l-provvista' ta' l-elettriku għal żvilupp ta' grupp ta' konsumaturi.

11.3 ESTENZJONI TA' SERVIZZI 'BULK'

(a) Is-servizzi ta' l-elettriku *bulk* għandhom jitwasslu mill-Enemalta.

(b) Servizzi *bulk* li normalment jintużaw għall-intrapriżi industrijali u kummerċjali, jikkonsistu f'servizzi 3 *phase* ta' iżjed minn 60 Amps għal kull *phase* u li jiġu provduti minn *meter* wieħed.

(ċ) Servizzi *bulk* ma jiġux imqabbda mas-sistema ta' fili 'l fuq mill-art, u l-anqas minn fili ta' taħt l-art jekk dawn ikunu oriġinarjament ġejjin minn fili minn fuq.

(d) Servizzi *bulk* mis-sistema eżistenti tad-distribuzzjoni ta' vultaġġ baxx jingħataw biss meta jkunu sodisfatti t-tlett kundizzjonijiet li ġejjin.

(d1) L-ammont neċessarju f'Amps għall kull fażi multiplikat bid-distanza f'metri bejn il-*metering point* fil-post li għalih tkun saret l-applikazzjoni u l-*panel* ta' vultaġġ baxx fis-*substation* adekwata l-aktar viċina m'għandux jeċċedi l-ammont ta' 30,000 Amp metru. Għal dan il-għan il-kurrent ta' l-elettriku mitlub għandu jkun ta' wieħed mill-*istandard values* li ġejjin:- 100 Amps, 125 Amps, 160 Amps, 200 Amps, 250 Amps, 315 Amps, 355 Amps, 400 Amps, 450 Amps, 500 Amps.

(d2) Id-distanza f'metri bejn il-*metering point* fil-post li fiha tkun saret l-applikazzjoni u l-panel ta' vultaġġ baxx fis-*substation* adekwata l-aktar viċina m'għandux ikun iżjed minn 300 metru.

(d3) Is-servizz *bulk* mitlub m'għandux jeċċedi 500 *Amps* għal kull phase.

(e) L-ispejjeż kollha għall-estenzjoni ta' servizz *bulk* ser jitħallsu mill-applikant. Ħlas ta' Lm35 għall kull kVA mitlub irid jitħallas ukoll mill-applikant bħala kontribuzzjoni għall-użu ta' sistema ta' vultaġġ għoli.

(f) Servizzi ta' vultaġġ baxx li ma jissodisfawx waħda jew iżjed mill-kundizzjonijiet 11.3(d1), 11.3(d2) u 11.3(d3) ta' dan ir-regolament jkunu jirrikjedu *substation* ġdida skond kif stipulat fit-Taqsima VIIIB ta' dawn ir-regolamenti.".

Tissostitwixxi t-Taqsima VIIIB tar-regolamenti prinċipali.

**4.** Minflok ir-regolament VIIIB tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:—

"VIII B ESTENZJONI TA' PROVVISTI TA' L-ELETTRIKU LI JEĦTIEĠU 'SUBSTATION' ĠDIDA JEW PROVVISTI BIS-SISTEMA TA' 11KV JEW AKTAR

12. (a) Ikun hemm bżonn ta' *substation* ġdida ġewwa l-iżvilupp f'dawn iċ-ċirkostanzi:

(a1) Meta l-kundizzjonijiet neċessarji sabiex jingħata servizz lill-grupp ta' konsumaturi fi żvilupp wieħed kif spjegat f'regolamenti 11.2(b1) jew 11.2(b2) ma jkunux sodisfatti.

(a2) Meta l-kundizzjonijiet neċessarji għal servizzi *bulk* kif spjegat f'regolamenti 11.3(d1) jew 11.3(d2) jew 11.3(d3) ma jkunux sodisfatti.

(a3) Meta ma jkunx hemm *substation* fil-viċinanza li minnha jkun teknikament possibbli li tingħata provvista sodisfaċenti ta' vultaġġ baxx lill-iżvilupp.

(b1) F'każi ta' servizzi *bulk* l-ispejjeż għal *substation* gdida jitħallsu jew

(i) mill-applikant/applikanti

jew

(ii) mill-applikant/applikanti u l-Enemalta fuq bażi *cost sharing* f'każi fejn l-Enemalta tkun trid tutilizza s-*substation*.

Fi kwalunkwe każ is-*substation* issir proprjeta' ta' l-Enemalta hekk kif tiġi magħquda mas-sistema tad-distribuzzjoni ta' l-elettriku u għalhekk irid jiġi provdut aċċess għal ħaddiema, kuntratturi u apparat ta' l-Enemalta f'kull ħin. L-Enemalta tagħmel tajjeb ukoll għall-ispejjeż tas-*substation* u l-apparat assoċjat.

(b2) Sakemm is-*substation* tintuża biss mill-applikant/applikanti s-sistema tal-*metering* għal konsum ser jiġi installat fuq il-*high voltage*.

(b3) F'każi fejn l-Enemalta u l-applikant/applikanti jifthiemu li jaqsmu l-ispejjeż tas-*substation* u l-applikant/applikanti jipprovdi l-art, ix-xogħolijiet ċivili u xi tibdil strutturali l-applikant/applikanti jingħata kumpens ta' mhux iżjed minn Lm10,000 u l-*cost sharing* ikun applikat fuq bażi pro-rata kkalkulata fuq il-proporzjon tal-*load* użata minn kull parti. Għal l-iskop tal-*cost sharing* kull kumpens imħallas mill-applikant/applikanti jiġi miżjud ma l-ispejjeż li jkunu saru biex is-*substation* tiġi mgħammra u mqabbda mal-provvista' ta' l-elettriku.

(b4) Meta s-*substation* tkun iffinanzjata kompletament mill-applikant/applikanti dawn tingħatalhom rifuzjoni ta' Lm25 għal kull kVA mogħtija lill-kwalunkwe applikant/applikanti ġodda. Dan japplika wkoll f'każi fejn l-Enemalta tiddeċiedi li testendi provvista' ta' vultaġġ baxx lill-pubbliku ġenerali mis-*substation*.

Din il-kundizzjoni tibqa' tgħodd sa 10 snin mid-data ta' meta s-*substation* jkun ġie mħaddem.

(b5) Meta s-*substation* tkun iffinanzjata fuq bażi ta' *cost sharing* l-applikant/applikanti ma jkunx intitolat għar-rifużjoni indikata f'regolament 12(b4).

(c1) F'każi ta' grupp ta' konsumaturi fi żvilupp wieħed li jirrikjedi *substation* skond regolament 11(2e) l-applikant/applikanti għandhom jipprovdu kamra adekwata għal l-użu bħala *substation* ġewwa l-iżvilupp. L-Enemalta ser tagħti kumpens massimu ta' Lm10,000 lill-applikant/applikanti bħala kumpens għall-art, xogħlijiet ċivili u/jew tibdil strutturali li jkun hemm bżonn. L-Enemalta ser tgħamel bi spejjeż tagħha ix-xogħlijiet l-oħra neċessarji sabiex titlesta s-*substation* iżda żżomm id-dritt li tagħti provvista' mis-*substation* lill-applikant/applikanti barra l-iżvilupp mingħajr l-obbligu li tagħti kumpens addizzjonali lill-applikant/applikanti oriġinali.

(c2) Għal kull applikazzjoni minn applikanti fi grupp fi żvilupp wieħed ser jitħallsu l-ispejjeż ta' l-applikazzjoni stipulati f'regolament 11.1(ċ).

(d) Għal provvistà fuq is-sistema ta' 11kV jew iżjed irid ikun hemm ħlas skond in-nefqa kif ukoll ħlas negozzjabbli għall-użu ta' l-infrastruttura eżistenti.".

Jemenda r-regolament 33 tar-regolamenti prinċipali.

**5.** Fil-paragrafu (2) tar-regolament 33 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "kif imsemmi fil-proviso għar-regolament 29 ta' dawn ir-regolamenti" għandhom jidħlu l-kliem "li jintuża biss għall-għanijiet domestiċi jew biex jitqiegħdu vetturi mhux kummerċjali,".

Ihassar ir-regolament 42 tar-regolamenti prinċipali.

**6.** Ir-regolament 42 tar-regolamenti prinċipali għandu jitħassar.

Jemenda r-regolament 44 tar-regolamenti prinċipali.

**7.** Minflok il-paragrafi (i) sa (v) tar-regolament 44 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"Ħlas ta' *meter* magħdud mal-konsum b'xejn totali ta' l-ewwel 200 *unit* fuq l-ewwel u t-tieni parti tat-tariffi ..... Lm24 fis-sena;

Wara l-ewwel 200 *unit* il-konsum jitħallas kif ġej:

(i) L-ewwel parti tat-tariffa tkun ta' 2c5 għal kull *unit* fuq dan il-konsum li jsir bejn is-6a.m. u l-10p.m. ta' l-istess ġurnata;

(ii) It-tieni parti tat-tariffa tkun ta' 2c3 kull *unit* fuq dak il-konsum li jsir bejn l-10p.m. ta' ġurnata u s-6a.m. ta' l-għada filgħodu;

(iii) It-tielet parti tat-tariffa tkun rata ta' Lm6.70 għal kull kVA ta' *Maximum Demand* reġistrata matul is-sena;

(iv) Ir-rati applikabbli fis-sub-paragrafi (i) u (ii) tal-paragrafu (2) tar-Raba' Skeda ma japplikawx għal dawk il-konsumaturi li jibbenifikaw mit-tariffi fil-paragrafi (i), (ii) u (iii) hawn aktar qabel imsemmija.".

Jemenda r-regolament 72 tar-regolamenti prinċipali.

**8.** Minnufih wara l-paragrafu (3) tar-regolament 72 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej: -

"(4) Mingħajr preġudizzju għar-regolament 73 ta' dawn ir-regolamenti, konsumaturi li ma jħallsux il-kontijiet kurrenti fi żmien 45 jum mid-data speċifikata kif indikat fil-kont, irrispettivament minn liema perijodu dak il-kont ikun qed jirreferi għalih iħallsu mgħax bir-rata ta' 0.75% fix-xahar.

Iżda għal kull ammont li jkun għadu dovut fit-tmiem ta' l-imsemmi perjodu ta' 45 jum l-imgħax jitħallas biss għall-aħħar 30 jum ta' dak il-perjodu u għal kull 30 jum addizzjonali, jew parti minnhom.".

Jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**9.** Minflok l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej: -

"Il-kurrent elettriku provdut għal postijiet ta' abitazzjoni għandu jitħallas kull 4 xhur jew għal kull perijodu li ċ-*Chairman* jista' minn żmien għal żmien jistabbilixxi bir-rati li ġejjin għal kull *Board of Trade Unit*: -

| | | |
|---|---|---|
| (i) | Ħlas ta' Meter | : Lm12.00 fis-sena |
| (ii) | L-ewwel blokk ta' 600 *units* fis-sena | : B'xejn |
| (iii) | It-tieni blokk | : 2c għal kull *unit* |

It-tieni blokk ser ikun magħmul minn numru ta' *units* li jvarja skond in-numru ta' persuni kkalkulati fil-post t'abitazzjoni kif ġej:—

| Numru ta' persuni f'kull abitazzjoni: | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 jew iktar |
|---|---|---|---|---|---|
| *Units* | 800 fis-sena | 1050 fis-sena | 1375 fis-sena | 1800 fis-sena | 2350 fis-sena |

(iv) It-tielet blokk : 4c għal kull *unit*
(sa 6400 *unit* fis-sena)

It-tielet blokk ser ikun ekwivalenti għad-differenza bejn 6400 *units* fis-sena u t-total ta' l-ewwel u t-tieni blokk applikabbli.

(v) 'Il fuq minn 6400 *units* fis-sena : 4c5 kull *unit*

1. Għas-sena 1998 kull abitazzjoni ser tingħata rifużjoni ta' sa Lm1.32 kull persuna għal kull perjodu t'erba' xhur fuq l-ammont dovut taħt dawn ir-regolamenti b'mod li l-ħlas fuq il-konsum nett qatt ma jkun inqas minn xejn.

2. Għas-sena 1999 kull abitazzjoni ser tingħata rifużjoni ta' sa Lm1.00 kull persuna għal kull perjodu t'erba' xhur fuq l-ammont dovut taħt dawn ir-regolamenti b'mod li l-ħlas fuq il-konsum nett qatt ma jkun inqas minn xejn.

3. Għas-sena 2000 kull abitazzjoni ser tingħata rifużjoni ta' sa Lm0.62 kull persuna għal kull perjodu t'erba' xhur fuq l-ammont dovut taħt dawn ir-regolamenti b'mod li l-ħlas fuq il-konsum nett qatt ma jkun inqas minn xejn.

4. Meta konsumatur, irrespittivament mill-eta' tiegħu, jissodisfa lid-Direttur (Sigurta' Soċjali) li la hu mpjegat u lanqas ma hu persuna li timpjega lilha nnifisha, u li qiegħed jgħix waħdu fil-familja, jew li jkun qed jgħix flimkien mal-konjugi, jew ikun il-każ, b'esklużjoni ta' membri oħra, u li jkollu dħul li meta jiġi kkalkulat skond ma hemm fit-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att dwar is-Sigurta' Soċjali jkun jintitola lilu jew lil martu, skond il-każ, għal dik l-għajnuna, dak il-konsumatur, għal kull perijodu ta' erba' xhur, ikollu l-jedd għal tnaqqis ta' Lm4.00 mill-ħlas tal-*meter*:

Iżda ebda skont bħal dak ma għandu jiġi mogħti jekk id-Direttur (Sigurta' Soċjali) ma jiċċertifikax li l-konsumatur ikun intitolat għall-imsemmi skont skond dawn id-dispożizzjonijiet jew meta d-Direttur (Sigurta' Soċjali) iqis li membri oħra li jkunu qed jgħixu mal-konsumatur ikunu qed jiffurmaw familja għal rashom;

Iżda wkoll, il-Ministru responsabbli għas-sigurta' soċjali jista' jagħti dak it-tnaqqis għal dawk l-istituzzjonijiet filantropiċi li dak il-Ministru jiddikjara bħala li jisthoqqilhom jingħataw għajnuna finanzjarja.".

**10.** Fit-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem minn "Tariffa għall-Hlas ta' Meter" sa "l-ewwel 100 unit ..... 3c9" għandu jidħol dan li ġej: -

Jemenda t-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

"TARIFFA GĦALL-ĦLAS TA' METER U GĦALL-PROVVISTA TA' KURRENT ELETTRIKU GĦAL POSTIJIET KUMMERĊJALI"

1. Il-kurrent elettriku provdut għal Postijiet Kummerċjali, li ma jkunux Lukandi u *Guest Houses* imsemmija fil-paragrafu 2 hawn aktar 'il quddiem, u għal bċejjeċ tal-baħar, u ghal illuminazzjonijiet temporanji u tidwil ta' toroq temporanju, għandu jitħallas ta' kull erba' xhur jew għal dak il-perijodu li ċ-*Chairman* jista' minn żmien għal żmien jistabbilixxi bir-rati li ġejjin għal kull *Board of Trade Unit*:-

Hlas ta' *meter*, magħdud il-konsum b'xejn ta' l-ewwel 200 *unit* ..... Lm24.00 fis-sena.

Għal kull *unit* addizzjonali wara l-ewwel 200 *unit* ..... 3c7 kull *unit*.

2. Il-kurrent elettriku provdut għal Lukandi u *Guest Houses* li jkollhom liċenzja valida maħruġa mill-Bord dwar il-Lukandi u l-Istabbillimenti li jipprovdu ikel skond l-Att dwar il-*Guest Houses* u Postijiet *Furnished* għall-Btala, Kap.240, għandu jitħallas ta' kull erba' xhur jew għal dak il-perjodu li ċ-*Chairman* jista' minn żmien għal żmien jistabbilixxi bir-rati li ġejjin għal kull *Board of Trade Unit*: -

Hlas ta' *meter*, magħdud il-konsum b'xejn ta' l-ewwel 200 *unit* ..... Lm24.00 fis-sena.

Għal kull *unit* addizzjonali wara l-ewwel 200 *unit* ..... 3c6 kull *unit*.".

**11.** Fir-Raba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem minn "l-ewwel parti tat-tariffa" sal-kliem "f'kwalunkwe perjodu matul is-sena" għandu jidħol dan li ġej: -

Jemenda r-Raba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

"Hlas ta' meter magħdud mal-konsum b'xejn ta' l-ewwel 200 *unit* fuq l-ewwel u t-tieni parti tat-tariffi ..... Lm24 fis-sena.

2. (i) L-ewwel parti tat-tariffa tkun ta' 2c8 għal kull *unit*;

(ii) It-tieni parti tat-tariffa tkun rata ta' Lm8 fis-sena għal kull kW ta' *Maximum Demand* reġistrata f'xi perijodu matul is-sena.".